MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2006

Numru 251/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**

v

**ANTHONY ZAHRA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTHONY ZAHRA** ta' sebgha w ghoxrin sena bin Alfred u Elizabeth nee Graig, imwieled Londra, l-Ingilterra nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Lulju 1975 u residenti ‘Casa Maria’, Flat 3, Triq Anglu Gatt, Mosta, detentur tal-karta tal-identita` numru 72688M gie imressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-ewwel ta’ April 2002, u fl-erbgha xhur ta' qabel din d-data fil-Mosta u fi bnadi ohra f’Malta f’hinijiet differenti:

a. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persunmi ghal persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr me kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [G.N. 292/1939] jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga kif provdut fir-regolament erbgha [4] tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba u tas-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga instabet f'cirkostanzi li juru li ma kienetx ghal uzu esklussiv tieghu;

c. Talli ikkommetta dawn r-reati f'post fi jew gewwa centru u/jew distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' post fejn jiltaqghu z-zaghzagh bi ksur tal-Ordinanza

dwar il-Professjoni Mediku u Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghhom.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom, l-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Joseph Cassar nhar d-disgha ta’ April 2002 esibit a fol 53 et seq tal-atti, l-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Consuelo Scerri Herrera nhar l-hdax ta’ April 2002 esibit fl-ati a fol 59 et seq, kif wkoll il-Fiat tal-Avukat Generali datat tlieta ta’ April 2002 ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) esibit a fol 7 tal-atti u l-kontr’ordni tal-Avukat Generali datat sebgha w ghoxrin ta’ Gunju 2003 esibit a fol 141 tal-atti, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil partijiet jittrattaw dwar il-kawza fis-seduta ta’ nhar l-erbatax ta’ Novembru 2005.

Semghet lil partijiet jiddikjaraw li qed jawtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi li hemm kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-tmintax ta’ Jannar 2006, minkejja li x-xhieda dattilografata ta’ Ahmed Mazud Ahmed u Marlon Parnis ta’ nhar t-tlieta ta’ April 2002 ma tinstabx registrata fil-process.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-dsatax ta’ Jannar 2005 **xehed Marlon Parnis** [fol 158] fejn qal li meta kienu sabuh il-Pulizija nhar l-ewwel ta’ April 2002, d-droga li kellu fuqu kienet giet fornuta lilu mill-imputat presenti fl-awla. Qal li dan kien cempillu u qallu biex imur jiltaqa mieghu f’post partikolari w effettivament hu kien mar hemm. Qal li veru dak li qalet martu li hu kien jixtri d-droga minghand haddiehor wkoll. Qal li dakinhar li nqabdu mill-Pulizija, l-imputat ma kienx ma gembhom u ma resaqx lejhom u li kien ghaddielu d-droga xi sieghat qabel quddiem il-mara tieghu. Qal li din

d-droga kienet fil-karozza. Qal li l-imputat kien baghthom f'post, li ma kienx jaf fejn hu, pero x'imkien hemmhekk. Qal li fil-mobile tieghu hemm diversi numri.

Illi nhar s-sebgha ta' Awissu 2002 xehed **PS 368 Stephen Monreal** [fol 37] fejn wara li gie muri l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar t-tnejn ta' April 2002 li tinsab esibita bhala dokument CSH 1 a fol 8 tal-atti, huwa ddikjara li l-imputat, li gharaf presenti fl-awla, dakinhar kien inghata s-solita twissija qabel ma rrilaxxja l-imsemmija stqarrija. Hu ddikjara wkoll li kien qed jaghraf fuqha l-firma tieghu, dik tal-Ispettur Josric Mifsud kif wkoll tal-imputat.

Illi nhar t-tlieta ta' April 2003 xehdet **Carane Parnis** [fol 90] fejn qalet li hi kellha problema ta' tehid ta' droga, liema problema kienet ilha biha ghal dawk l-ahhar erbgha jew hames snin. Mistoqsija jekk qatt xtrat droga minghand l-imputat, x-xhud wiegbet fl-affermattiv u qalet li kienet tixtriha minghandu meta kienu jkunu fil-fond fejn hemm il-billiard hdejn s-showroom tas-Subaru fil-Mosta. Qalet li dakinhar li kienu gew imwaqqfa mill-Pulizija, kien hemm persuna ta' nazzjonalita Gharbija li kien cempel lil imputat sabiex jaqdih b'pakkett Eroina. Qalet li hi dakinhar kienet bil-karozza ta' Marlon Parnis, r-ragel taghha w t-tfal u dak il-hin Marlon Parnis kien mar igib d-droga minghand l-imputat u ghaddiha lil dan l-Gharbi. Qalet li dan l-Gharbi dak l-hin ta sebgha liri lil Marlon Parnis biex jhallsu tal-pakkett. Mistoqsija jekk hux veru li hi xtrat d-droga minghand l-imputat, x-xhud wiegbet fl-affermattiv. Qalet li fiz-zmien li kienu waqfuha l-Pulizija hi kienet tixtri d-droga minghand l-imputat u kien ilha xi sena tixtri.

Illi nhar d-dsatax ta' Jannar 2005 **regghet xehdet Carane Parnis** [fol 156] fejn <u>cahdet</u> dak li xehdet fis-seduta precedenti u cioe li kien l-imputat li kien ta d-droga lir-ragel taghha dakinhar, ghaliex fil-fatt kien tahielu lejliet. Qalet li fil-fatt, l-imputat kien ta xi droga lir-ragel taghha u qallu biex jbieghlu. Qalet li hu ried sitt liri ta' kull pakkett u l-kumplament setgha jzommha zewgha. Qalet li hi kienet semghet lil imputat jghid dak d-diskors tlett ijiem qabel. Qalet li dakinhar kienu ghamlu gurnata jbieghu flimkien w inqabdu fejn hemm t-telephone box. Qalet li dakinhar l-

Pulizija waqfuhom meta kienet hierga mar-ragel taghha biex ibieghu d-droga tal-imputat. Minn dakinhar r-ragel taghha kellu wkoll kaz ta’ serq pendenti.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta’ Mejju 2003 xehdet **Doctor Claire Cassar** ghan-nom w in rappresentanza tas-socjeta Vodafone [fol 97]. Qalet li kienet giet mitluba sabiex taghmel ricerka dwar personal details ta’ zewg mobile phones bin-numru 99224761 u 99857352. Qalet li hi kellha wkoll taghti l-in coming w outgoing details ghal perjodu ta’ bejn s-sbatax ta’ Marzu 2002 u t-tnejn ta’ April 2002. Hija esibit r-relazzjoni taghha f’dan r-rigward li giet mmarkata bhala dokument VM [fol 99 et seq].

Illi nhar t-tnejn ta’ Novembru 2005 **xehed l-imputat** [fol 174] fejn qal li huwa minnu li hu kien go hanut l-Mosta jilghab il-billiards. Qal li kif hareg qabzu l-Pulizija fuqu, ghamlulu search, haduh d-dar w ghamlu search ohra u meta hu staqsihom x’kienu qed ifittxu, qalulu li kienu jfittxu d-droga. Qal li hu qalilhom li droga ma kellux u fil-fatt droga ma sabux. Qal li hu mar mal-Ufficjal Prosekutur d-Depot u cahad dak li qalu fil-konfront tieghu l-konjugi Parnis dwar li hu kien tahom xi droga biex ibieghuha ghan-nom tieghu. Qal li fil-fatt hu w is-Sur Parnis lanqas biss kienu jitkellmu dak z-zmien. Qal li ftit xhur qabel hu kellu xi hsara fil-karozza tieghu u kien marlu l-gasket u dan kien qallu li kien ser jirrangahielu pero dan m’ghamlux. Qal li kien spicca biex irrovinalu dik u haga ohra. Qal li hu kien jsellem xi kultant imma hu ma kienx isellimlu lura. Cahad li qatt ikkonsenjalu xi droga. Qal li hu kien hareg barra dakinhar li marru l-Pulizija peress li kien sejjer lejn d-dar. Qal li ma jaqbilx ma dak li qal l-Ufficjal Prosekutur li Marlon Parnis kien cempillu diversi drabi ohra. Lanqas ma qabel li kien hemm xi Gharbi li kien cempillu dakinhar. Qal li kien tela xi Gharbi jixhed f’dawn il-proceduri u qal li effettivament mhux lilu kien cempel, pero lil minn kien cempel dan l-Gharbi, hu ma kienx jaf.

Illi nhar t-tnejn ta’ Novembru 2005 **xehdet Dorianne Abela** [fol 176] fejn qalet li hi ilha tghix mal-imputat tlettax il-sena u ghandha zewgt itfal. Qalet li zewgha qatt ma

kellu xi kuntatt mal-konjugi Parnis.  Qalet li hi dejjem kienet tkun mieghu u qatt ma ratu jinnegozja xi haga maghhom.  Qalet li zewgha wkoll kellu xi jghid ma ta' Parnis fuq xi karozza li Parnis suppost irrangalu u ma rrangalu xejn u fil-fatt lanqas isellmu lil xulxin ma kienu. Qalet li l-Pulizija ghamlu tfittxija fid-dar u ma kienux sabu droga.

Ikkunsidrat:

Illi Marlon Parnis rrilaxxja stqarrija nhar t-tnejn ta’ April 2002 li tinsab esibita fl-atti tal-inkjesta w ikkonfermata minnu stess quddiem l-istess Magistrat Inwkerenti. F’din l-istqarrija jghid li kien jixtri d-droga Eroina minghand l-imputat regolarment pero dik kienet l-ewwel darba li l-imputat qabbdu jbiegh d-droga ghalih.

Carane Parnis tikkonferma li hija ghandha problema t’abbuz mid-droga, li effettivament kienet tixtri d-droga minghand l-impuatt u li verament dakinhar li giet imwaqqfa mill-Pulizija nhar l-ewwel ta’ April 2002 d-droga li nstabet kienet tal-imputat u li suppost kienet qed tbiegh d-droga ma zewgha ghan-nom tal-imputat.

Illi l-Qorti ghexet dan il-process u rat l-imgieba tax-xhieda tal-Prosekuzzjoi u tal-konjugi Parnis u fil-fatt hija ghamlet apprezzament taghhom waqt li kienu fil-pedana tax-xhieda u rat illi kienu reluttanti li jixhdu u mhux konsistenti f’dak li qed jghidu. Ix-xhud Carane Parnis xehdet b’mod legger hafna.

Il-Qorti mhux konvinta li l-konjugi Parnis kienu qed jghidu l-verita meta rrilaxxjaw l-istqarrijiet taghhom, meta kkonfermaw l-istess quddiemha u meta regghu xehdu viva voce l-Qorti.

Fid-dawl tas-suespost ghalhekk, u fin-nuqqas ta’ xhieda ohra aktar konvincenti w attendibbli, **l-Qorti tiddikjara li ma ssibx lil imputat ANTHONY ZAHRA hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija**.

**Il-Qorti tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jhallas l-ispejjes ta' periti nominati ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li ma sabitx htija fil-konfront tal-imputat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------